**366. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Assoċjazzjoni Sportiva Kordin, l-Isports Pavillion u faċilitajiet oħra f'Kordin deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien,bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Isports Pavillion u faċilitajiet oħra f'Kordin kif deskritti aħjar fl-Abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija lill-Assoċjazzjoni Sportiva Kordin għaż-żmien għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess Abbozz.

06.02.1987